# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 19**
**Rikors numru 82/18 GM**

**Sherif Mohamed Shennawyh**

**v.**

**L-Avukat Generali, Kummissarju tal-Pulizija,**
**Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates Ministeru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent Sherif Mohamed Shennawyh [ir-rikorrent] minn digriet kamerali moghti fl-4 ta' Ottubru, 2018, [id-digriet appellat], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti qieset li r-rikorrent

ma kienx irnexxielu jissodisfa l-elementi mehtiega sabiex tigi sospiza l-ordni tat-tnehhija tieghu, u ghalhekk cahdet it-talba tieghu.

Mertu

2. Illi r-rikorrent ipprezenta rikors b'urgenza fl-10 ta' Awwissu, 2018, fejn talab lill-ewwel Qorti:

"*1) Tezercita l-funzjoni taghha b'mod immedjat;*

"*2) Tordna s-sospensjoni ta' l-ordni tat-tnehhija kontra l-esponent b'hekk jigu salvagwardjati d-drittijiet tal-istess esponent;*

"*u dan taht dawk il-provediment li jidhrilha xieraq u opportuni*".

3. L-intimati l-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija, id-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates u l-Ministeru ghall-Intern u Sigurta` Nazzjonali [l-intimati], ipprezentaw ir-risposta taghhom fit-28 ta' Awwissu, 2018, fejn issottomettew li t-talba tar-rikorrent kellha tigi michuda ghar-ragunijiet hemm imfissra, u dan bl-ispejjez kontra tieghu.

Id-Digriet Appellat

4. Fid-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru, 2018, l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni adegwata tal-fatti u wkoll ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti ghal dan l-appell:

"**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

"**(a) dwar il-bażi legali għall-ħruġ ta' interim orders**

"Illi r-rikorrent ma jgħidx fuq liema disposizzjoni tal-liġi qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' provvediment *ad interim*, li huwa sanċit bl-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi l-artikolu 46(2) ma jsemmix speċifikament miżuri *ad interim* imma b'mod ġenerali tagħti s-setgħa lil din il-Qorti li "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna". Kliem ripetut fl-artiklu 4(2) tal-Kap 319 b'riferenza għad-drittijiet fundamentali kif esposti mill-Konvenzjoni Ewropea u resi bħala parti mil-liġi ta' Malta (Art. 3(1) tal-istess Kap 319);

"Illi huma biss l-istatut tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja (Artiklu 41) u l-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet Umani (Artiklu 63 para 2) li għandhom provvedimenti espliċiti li jagħtu s-setgħa tal-ħruġ ta' ordnijiet *interim.* La l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Jeddijiet Ċivili u Politiċi u lanqas il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani m'għandhom disposizzjoni espliċita bħal din, għalkemm kemm il-Human Rights Committee (Regola 86) kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani ikkapparraw din is-setgħa meta abbozzaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom. Regola 39 tar-Rules of Court tal-Qorti Ewropea jgħidu hekk:

"1. *The Chamber, or, where appropriate, its President may, at the request of a party or of any other person concerned, or of its own motion, indicate to the parties any interim measure which it considers should be adopted in the interest of the parties or of the proper conduct of the proceedings before it*".

"Illi għalkemm Regola 39 tapplika għall-Qorti Ewropeja, u mhux għall-Qrati domestiċi, bla dubbju d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jittieħdu bħala linja gwida minn din il-Qorti.

"**(b) f'liema ċirkostanzi jingħataw**

"**(b-1) fid-diskrezzjoni tal-Qorti**

"Illi kif tajjeb osserva l-għaref Imħallef Dr. J.R. Micallef in re: **Emmanuel Camilleri v Spettur Louise Calleja et**[1] f'materja ta' ordnijiet bħal dawn:

> "Illi s-setgħat mogħtijin mil-liġi lil din il-Qorti f'kawżi ta' għamla Kostituzzjonali mhumiex imfissrin b'mod partikolari, u r-rimedji li hija tista' tintalab tagħti huma mħollijin fid-diskrezzjoni tagħha fl-aħjar interess tal-ġustizzja u biex tagħmel ħaqq fejn meħtieġ;
>
> "Illi hija għandha s-setgħa tirregola l-proċedura tagħha u li tagħti dawk il-provvedimenti, kemm definittivi u kif ukoll interlokutorji, li tinqala' l-ħtieġa tagħhom waqt kull smigħ, sabiex jiggarantixxu li t-trattazzjoni tal-kwistjoni li tkun tressqet quddiemha bl-ebda mod ma tkun suġġetta għal

[1] PA (Kost) 2 ta' Gunju 2014

pressjonijiet indebiti jew ħsara irriversibbli għal xi waħda mill-partijiet[2];

"**(b-2) dannu irreparabbli lis-saħħa jew il-ħajja**

"Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita` u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment[3]. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu.[4] Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ".[5]

"Illi t-trattisti ewlenin f'dan il-qasam jenfasizzaw li l-Qorti Ewropeja bħala regola ma takkordax dan ir-rimedju; dan jingħata biss f'każijiet verament eċċezzjonalment:

"*The crucial significance of interim measures is further highlighted by the fact that the Court issues them, as a matter of principle only in truly exceptional circumstances and on the basis of a rigorous examination of all the relevant circumstances".*[6]

"*By their very nature, interim measures are ordered on the basis of a plausible assertion of a risk of irreparable damage. Later, as evidence is produced in the course of the proceedings, this may prove not to correspond to reality. But it is precisely for the purpose of preserving the Court's ability to render such a judgement after an effective examination of the complaint that such measures are indicated*."[7]

"*As a general practice, measures are applied only where there is an apparent real and imminent risk or irreparable harm to life and limb (cases under arts 2 or 3) – as stated in the Practice Direction on Requests for Interim Measures, 'a real risk of serious, irreversible*

---

[2] Ara provvediment P.A. (Kost.) AJM 5.10.1999 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Gauċi et vs Avukat Ġenerali et

[3] Q.E.D.B. 6.2.2003 fil-kawża fl-ismijiet Mamatkulov et vs Turkija (Applik. Nru. 46837/99) § 110

[4] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113- Illi fil-pag 113 et seq –

[5] Deg P.A. (Kost.) AE 16.4.2014 fil-kawża fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.

[6] Kasymakhunov v Russia, no. 296041/12 para 181, 14 November 2013

[7] William A. Schabas, The European Convention on Human Rights, paperback edition 2017, pagna 750-1. L-awtur jiċċita: Al-Saadoon and Mufdhi v. the Unitied Kingdom, no 61498/08 para 160, ECHR 2010(extracts); Mamatkulov and Askarov v. Turkey (GC), nos 46827/99 and 46951/99, para 104, ECHR 2005-1; Paladi v Moldova (GC), no. 39806/05, para 86, 10 March 2009

*harm'*."[8]

"*Today, interim measures are essentially issued to temporarily halt the deportation or extradition of an applicant owing to danger for his integrity or life upon arrival in the receiving country*"[9] L-istess awtriċi tkompli tgħid li "*While the procedure has been invoked in respect of other types of cases, for example the adoption of children, which may arguable be of an irreparable nature, r. 39 has not been applied save in a few exceptional cases*."[10]

"**(b-3) jingħataw biss eċċezzjonalment minħabba d-dritt għall-ħajja familjari**

"Illi apparti li l-*interim measures* jingħataw biss f'każijiet eċċezzjonali, terġa' u tgħid f'dawk l-istanzi fejn effettivament jingħataw, il-kunsiderazzjoni tad-dritt għall-ħajja familjari tingħata rarament. "*Interim measures usually concern the right to life, the right not to be subjected to torture or inhuman treatment and, more exceptionally, the right for private and family life"*.[11] "*An interim measure has also, albeit very exceptionally, been issued to suspend the deportation to prevent a violation of the right to family life*". [12]

"Illi l-ħarsien tat-tfal jingħata attenzjoni partikolari anke f'każijiet bħal dawn: *"Cases concerning the welfare of children on expulsion of parents attract particular concern: e.g. children not being removed with their parents and it being unclear who was going to look after them; where the mother was being expelled and was unable to take the child with her due to freak last minute change of custody to father (Numez v Norway, 28 June 2011); where both parents were being extradited to the United States and arrangements for six young children was unclear (KAS v UK (App. No. 38844/12), case struck out on 4 June 2013; where mother to be extradited to Poland, fate of her baby uncertain (Gerczowska v UK (App. No. 15158/12), struck out on 16 December 2012)*.[13]

"**(b-4) fejn l-applikant ikun ħati ta' ċerti reati u jallega ksur tal-jedd għall-ħajja familjari**

"Illi skont Artiklu 8 tal-Konvenzjoni, ma jistax ikun hemm indħil fil-ħajja familjari għajr, *inter alia,* skont il-liġi fl-interess ta' sigurta` nazzjonali, sigurta` pubblika (*public safety*), u l-prevenzjoni ta' diżordni jew delitti.

[8] Karen Reid, A Practitioner's Guide to The European Convention on Human Rights, 5th Edition, 2015, page 19
[9] Van Jijk, op.cit. p 92
[10] op.cit. p 20
[11] William A. Schabas, The European Convention on Human Rights, paperback edition 2017, pagna 751. L-awtur jiċċita: Paladi v Moldova (GC), no. 39806/05, para 86, 10 March 2009
[12] Peter van Dijk et. Theory and Practive of the European Convention on Human Rights, 5th ed., 2018, page 92. L-awtur jiċċita: Neulinger and Sharuk v Switzerland, EctHR(GC) 6 July 2010, appl. no. 41616/07
[13] Karen Reid, Karen Reid, A Practitioner's Guide to The European Convention on Human Rights, 5th Edition, 2015, page 20, footnote no. 90

F'**Comert v Denmark**[14] il-Qorti sabet li l-awtoritajiet Daniżi kienu laħqu bilanċ bejn dawn iż-żewġ elementi meta r-rikorrent wettaq delitt li mhux biss kien serju imma wieħed li, fit-twettiq tiegħu għamel ħsara lill-familja tiegħu stess. F'**Salem v Denmark**[15] ġie deċiż li ulied ir-rikorrent ma kinux se jiġu ppreġudikati billi qajla kien jarahom. Il-gravita` tar-reat kommess mir-rikorrent kienet tegħleb kunsiderazzjonijiet ta' ħajja familjari. Ma kien hemm xejn x'jipprojbixxi lil uliedu milli jżuruh fil-Lebanon fejn kien sejjer jintbagħat.

"**Applikazzjoni tal-prinċipji suesposti għal dan il-każ:**

"Ikkunsidrat:

"Illi r-rikorrent m'għamel l-ebda allegazzjoni ta' xi periklu għal saħħtu jew ħajtu jekk jiġi mibgħut lura lejn l-Eġittu. Għalhekk minn dan l-aspett m'hemm l-ebda kwistjoni ta' periklu imminenti ta' xi ħsara gravi u rreparabbli.

"Illi t-talbiet għall-ħruġ ta' *interim orders* m'għandhiex isservi bħala forma t'appell mit-tribunali kompetenti. Din hija l-fehma awtorevoli tal-President tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani Jean-Paul Costa[16] b'riferenza għal dik il-Qorti issa ffaċċjata b'dulluvju ta' applikazzjonijiet bħal dawn u li din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tapplika ukoll għall-Qrati domestiċi ffaċċjati b't albiet ta' dan it-tip:

> "*However, the Court is not an appeal tribunal from the asylum and immigration tribunals of Europe…*
>
> "*Where national immigration and asylum procedures carry out their own proper assessment of risk and are seen to operate fairly and with respect for human rights, the Court should only be required to intervene in truly exceptional circumstances*".

"Illi fil-każ preżenti, m'hemm l-ebda dubbju li l-awtoritajiet Maltin aġixxew mhux biss *rite,* imma wkoll *recte*, kif jidher *ex facie* s-sentenza studjata tal-Immigration Appeals Board[17] li mhux biss applikat il-liġi dwar l-immigrazzjoni imma wkoll daħlet fil-fond dwar l-aspetti ta' jeddijiet fundamentali.

"Illi quddiem din il-Qorti, kif għamel quddiem il-Bord imsemmi, ir-rikorrent jiċċita favur tiegħu il-jedd fundamentali għall-ħajja familjari. Jgħid li għandu għadd ta' tfal, erbgħa minnhom minorenni. B'danakollu, ma jgħidx ċar u tond jekk hux qiegħed imantnihom jew le. Ma jidhirx li jgħixu miegħu. Ma jirriżultax li m'hemmx min jieħu ħsiebhom fl-assenza tiegħu waqt is-smiegħ tal-kawża kostituzzjonali li fetaħ. Jidher li nstab ħati ta' vjolenza domestika, li, waqt id-depożizzjoni *viva voce* tiegħu

[14] deċiża 10.04.2006 (Appl. no. 14474/03)
[15] deċiża 01.12.2016 (appl. no. 77036/11)
[16] ara *press release* maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Umani, 11.02.2011
[17] Sherif Mohamed El Shennawyh v The Principal Immigration Officer, 11.10.2017, esibita a fol s19 et seq tal-proċess

> quddiem din il-Qorti, huwa rrifera għaliha bħala kwistjoni normali bejn il-miżżewwġin – attitudni li qajla mpressjonat lil din il-Qorti bħala xi rabta kbira mal-familja tiegħu. Fi kwalunkwe każ m'hemm l-ebda allegazzjoni kredibbli ta' xi ħsara serja u rreparabbli għal dawn it-tfal. Min-naħa l-oħra, l-fatt li ġie misjub ħati ta' delitt li l-piena li għaliha huwa soġġett tintitola lill-awtoritajiet kompetenti biex jiddeportawh iwieżen il-miżien iktar favur id-deportazzjoni tar-rikorrent meta fil-kefef tal-miżien jitpoġġew l-allegat jedd għall-familja min-naħa tar-rikorrent u s-sigurta` pubblika min-naħa l-oħra".

<u>L-Appell tar-Rikorrent</u>

5. Ir-rikorrent ipprezenta l-appell tieghu fid-29 ta' Ottubru, 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti "*joghgobha thassar u tirrevoka d-digriet appellat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) mghotija fl-4 t'Ottubru 2018, billi takkolji t-talbiet tieghu. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati*".

6. Fis-succint, l-aggravju principali tar-rikorrent hu li ser ibatu pregudizzju irrimedjabbli jekk it-talba tieghu ma tigix akkolta *pendente lite.* Hu jissottometti wkoll li hemm kwistjonijiet ohra li ghandhom jigu indirizzati: (1) il-gbir tal-provi fil-kawza odjerna; (2) ir-relazzjoni tieghu ma' uliedu; (3) ir-reati ta' vjolenza domestika fir-rigward tal-ex mara tieghu.

*Ir-Risposta tal-Intimati*

7. L-intimati jissottomettu li d-digriet appellat hu korrett u ghalhekk ghandu jigi kkonfermat fl-intier tieghu. Jirrilevaw li skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u dik nostrana, rimedju provizorju ghandu jinghata biss f'kazijiet estremi u eccezzjonali li fil-kaz odjern ma rrizultawx.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

*L-Aggravju tal-Intimat: [ pregudizzju irrimedjabbli]*

8. Ir-rikorrent jikkontendi li jekk ma kienux ser jigu akkolti *pendente lite* t-talbiet tieghu, jigifieri li l-ewwel Qorti ghandha tezercita l-funzjoni taghha b'mod immedjat u tordna s-sospensjoni tal-ordni tat-tnehhija mahruga fil-konfront tieghu, hu kien ser isofri pregudizzju irrimedjabbli.

9. Jghid li ilu hawn Malta aktar minn 20 sena u dejjem hadem ghall-familja tieghu. Izda llum huwa meqjus bhala immigrant ipprojbit wara li kkommetta reat li jgib mieghu piena ta' prigunerija ta' aktar minn sena. Rizultat ta' dan kienet inharget l-ordni tat-tnehhija in kwistjoni, liema ordni jekk ezegwita ma kinitx ser thallih jara lil uliedu, u l-kawza kostituzzjonali li hu pprezenta biex ma jintbaghatx lura lejn pajjizu kienet ser titlef l-iskop taghha. Hu jsemmi tliet fatturi li ghandhom jigu meqjusa: (a) li jekk hu jitnehha minn Malta tqum id-diffikulta` li jzomm kuntatt mal-konsulent legali tieghu u li jixhed fil-kawza tieghu stess; (b) il-pregudizzju fir-relazzjoni tieghu ma' uliedu; u (c) li l-vjolenza domestika kienet tirrigwarda l-ex mara tieghu filwaqt li hu kien qed jaghmel il-proceduri odjerni abbazi tar-relazzjoni li kellu mas-sebat uliedu u mal-*partner* tieghu li hi martu bir-rit musulman.

10. L-intimati min-naha taghhom iwiegbu li rimedju provizorju li qed jitlob ir-rikorrent jinghata biss f'kazijiet estremi u eccezzjonali, u dan skont il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin u wkoll tal-Qorti Ewropea. Fil-kaz odjern ma tressqet l-ebda prova li, jekk ma tintlaqax it-talba tieghu, hajtu kienet ser tkun mhedda b'riskju imminenti u reali jekk jintbaghat lura lejn pajjizu. Lanqas ma kien ifisser li l-proceduri kostituzzjonali kienu ser jispiccaw ghaliex hu dejjem ghandu l-fakolta` li jinkariga lil xi hadd biex jidher ghalih u sahansitra jressaq applikazzjoni mill-gdid ghall-permess biex jidhol f'Malta. Jirrilevaw li l-Artikolu 8 tal-Konvenzojni ma jaghtix dritt assolut ta' residenza, u fil-kaz odjern l-interferenza fil-hajja tal-familja hija legittima u gustifikata ghaliex l-Istat ghandu interess li jzomm is-sigurta` pubblika u jevita d-dizordni jew ghemil ta' delitti.

11. Jispjegaw li meta harget l-ordni tat-tnehhija fit-28 ta' Gunju, 2013, ai termini tal-paragrafu 5(1)(2)(d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent kien appella quddiem l-*Immigration Appeals Board* izda l-appell kien gie michud. L-intimat jiccitaw silta li tghid li l-Bord ma kienx qed iqis li r-rikorrent seta' jinvoka ksur taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni fid-dawl tal-fatt li l-ghemil tieghu kien juri nuqqas ta' rispett serju ghall-hajja familjari tieghu u wkoll fil-konfront ta' martu u ghall-hajja familarji tat-tfal tieghu. Jghidu li r-rikorrent kien ukoll talab ghal *refugee status* izda r-*Refugee Appeals Board* kien cahad it-talba tieghu.

12. L-ewwel Qorti qabel ma ghamlet evalwazzjoni tal-provi migjuba quddiemha, ikkonsidrat il-bazi legali li fuqhom jinhareg *interim order*. Issollevat li r-rikorrent ma kienx qed jghid fuq liema disposizzjoni tal-ligi hu kien qed iressaq it-talba tieghu; osservat izda, li r-Regola 39 tar-*Rules of Court* tal-Qorti Ewropea, ghalkemm mhux applikabbli ghall-qrati taghna, setghet tittiehed bhala linja gwida minnha. L-ewwel Qorti wara li identifikat il-principji li tahthom jinghata provvediment *ad interim* taht din ir-regola, ikkonsidrat is-segwenti: (i) ir-rikorrent ma kien qed jaghmel l-ebda allegazzjoni ta' periklu ghal sahhtu jew ghal hajtu jekk jintbaghat lura l-Egittu; (ii) talbiet ghall-hrug ta' *interim orders* ma setghux isservu bhala forma ta' appell mit-tribunali kompetenti; (iii) l-awtoritajiet Maltin kienu agixxew *rite* u *recte* kif kien jirrizulta mis-sentenza tal-*Immigration Appeals Board*; (iv) ma kien hemm l-ebda allegazzjoni kredibbli ta' hsara serja u irreparabbli ghat-tfal tieghu; (v) il-fatt li kien gie misjub hati ta' delitt fejn il-piena kienet taghti lill-awtoritajiet kompetenti d-dritt li jiddeportawh ixeqleb il-mizien kontra l-allegat dritt tar-rikorrent ghall-familja u favur is-sigurta` pubblika.

14. Din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti u tikkonsidra li hi gustifikata ghas-segwenti ragunijiet.

15. L-ewwel Qorti taghraf li s-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u s-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm ma jipprovdux

b'mod specifiku għall-ħrug ta' miżuri *ad interim,* jagħtu s-setgħa b'mod ġenerali lill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li "*… tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna…*". Meħud in konsiderazzjoni l-imsemmija provvedimenti tal-liġi, l-insenjament ta' din il-Qorti għalhekk hu li Qrati ta' kompetenza kostituzzjonali għandhom is-setgħa li joħorġu ordnijiet ta' natura temporanja[18]. Il-prinċipji legali li jirregolaw il-ħruġ ta' dawn l-ordnijiet ġew imfissra sew fis-sentenza tal-ewwel Qorti, kif diversament presjeduta, mogħtija fit-2 ta' Ġunju, 2014, fl-ismijiet **Emmanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja et**[19] fejn dik il-Qorti għamlet referenza għall-prinċipji identifikata mill-każistika tal-Qorti Ewropea u ta' awturi rinomati fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. Dik il-Qorti osservat, inter alia, li:

> "Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment [fn. 2 Q.E.D.B. **6.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet **Mamatkulov et vs Turkija** (Applik. Nru. 46837/99) § 110] . F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ 'prima facie' ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu [fn. 3 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights** (4th Edit, 2006) §.2. 2.8.3, p. 113]. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li

---

[18] Ara Q.Kos. 45/2016, **Angelo Frank Paul Spiteri v. L-Avukat Generali**, deciza 9 ta' Jannar, 2017.

[19] P.A.(Kost.) 50/2013JRM. Ara wkoll P.A. 107/2016LSO, **Jamburu Jara et v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza 4 ta' Jannar, 2017.

jagħmluh meħtieġ [fn.4 Deg P.A. (Kost.) AE **16.4.2014** fil-kawża fl-ismijiet **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et.**] ;

"Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha."

"Fil-ktieb **"A Practitioner`s Guide to the European Convention on Human Rights"** (4th Edition – Sweet & Maxwell) Karen Reid tghid illi :-

> "As a general practice, measures (riferibbilment ghal interim relief) are applied only where there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb … While the procedure has been invoked in respect of other types of cases e.g. adoption of children, which may be arguably be of an irreparable nature, r.39 (riferibbilment ghar-Rule 39 tar-Rules of Court tal-ECHR) has not been applied save in a few exceptional cases. Matters of detention or interference with property, for example, are not regarded as necessitating interim measures." (sottolinear ta' din il-Qorti).

"L-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick6 jsostnu li: "After articles 2 and 3,

> "..... Another category is when immigrants are to be deported from a contracting party and allege only that the deportation will violate their private and family life, the rest of the family residing in the contracting party concerned. Rule 39 will only be applied exceptionally in such cases (indeed there would be a presumption that it would not be applied
> 6 **Law of the European Convention on Human Rights** (3rd Ed.) p 142
> since it is rare that the ' irreparable damage test' will be met."

"Hekk ukoll illi fil-pagna 113 et seq. tal-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** (Raba` Edizzjoni – 2006 - Intersentia) l-awturi van Dijk, van Hoof, van Rijn u Zwaak, ighidu – "… it is only in cases of extreme urgency that interim measures are indicated : the facts must prima facie point to a violation of the Convention, and the omission to take the proposed measures must result or threaten to result in irreparable injury to certain vital interests of the parties or the progress of the examination!".

16. Ghalhekk ordni ta' natura provizorja ma tinghatax bhala rimedju mill-qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ghajr f'cirkostanzi ta' urgenza

estrema, u dan gie mfisser sew fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri v. L-Avukat Generali**[20] fejn intqal:

> "26. Fl-ewwel lok jigi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjha interim measures huwa car l-insenjament ta' din il-Qorti li tali mizuri ghandhom jittiehdu biss f'kazijiet ta' urgenza u sahansitra f'kazijiet **ta' "urgenza estrema"** fejn in-nuqqas ta' tehid ta' tali mizuri jirrizulta, jew jazzarda li jirrizulta, fi hsara irreparabbli ghall-interessi vitali tal-parti koncernata jew ghall-perkors tal-ezami li l-Qorti jkun jehtigilha taghmel [fn. 10 Ara Q. Kost. **Joseph Camilleri v. Avukat Generali**, 1/7/2013, li ccitat b'approvazzjoni mill-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et (4 ediz. 2006, pagna 113)]. Din il-Qorti rriteniet ukoll li mizuri ad interim huma indikati f'kazijiet ecezzjonali [fn. 11 Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et**, 22/8/2005 #7, #11] . [Q.Kost. **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali** Kompetizzjoni, deciza 25 ta' Settembru 2014]".

17. Fil-kaz odjern ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-ordni tat-tnehhija saret ai termini tal-ligi. Ir-rikorrent ma jaghmel l-ebda sottomissjoni dwar in-necessita` tal-ordni fl-interess tas-sigurta` pubblika. Lanqas ma qieghed jikkontendi li din ser tkun ta' theddida ghall-hajja jew ghall-persuna tieghu. L-argument principali tieghu hu li ser isofri hsara li ma tissewwiex jekk tigi ezegwita l-ordni tat-tnehhija tieghu minn Malta u allura l-Qorti tifhem li fil-fehma tieghu dan ghandu ixeqleb il-mizien favurih. Ghalhekk il-htiega li jigu evalwati l-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti li ddikjarat li l-awtoritajiet Maltin kienu agixxew mhux biss *rite* izda wkoll *recte;* dan fid-dawl ta' allegat hsara imminenti u mhux ipotetika li allura wkoll jiggustifika l-intervent ta' din il-Qorti.

---

[20] Q.Kos. 45/2016.

18. Fix-xhieda tieghu (fol. 40 seduta 24 ta' Settembru, 2018) xotta xotta hu jghid li ghandu sebat itfal, erbgha minnhom joqghodu fid-Dar tal-Qalb ta' Gesu' fil-Hamrun. Jghid li jhallas manteniment mensili skont ordni tal-Qorti u darbtejn fil-gimgha kellha tibda tehodhom il-mara tieghu Hal Safi biex jarahom hemm fid-*detention centre.* Din il-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrent la ressaq prova dwar il-pagamenti mensili ta' manteniment, partikolariment li dawn qeghdin fil-fatt isiru, jew ta' xi spejjez ohra tat-tfal sopportati minnu. Lanqas ma ressaq prova fiex kien proprju jikkonsisti l-kuntatt mal-familja tieghu in vista tal-fatt li erbat itfal kienu jghixu f'istitut, wahda kienet mizzewwga, tifel ta' tmintax-il sena u iehor ta' sbattax-il sena li kien jghix m'ommu. Jghid li fil-passat kellu problema mal-mara tieghu u mat-tfal, izda li llum l-affarijiet gew ghall-ahjar.

19. Il-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrent diga` kellu opportunita` li jikkontesta l-ordni tat-tnehhija tieghu minn Malta quddiem l- *Immigration Appeals Board* u d-decizjoni ta' dan il-bord titfa' dawk ukoll fuq il-hajja familjari tar-rikorrent li skont hu ser tigi pregudikata. Id-decizjoni kienet giet moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2017, u tinstab esebita fil-process (fol 19). Minn hemm jirrizulta li r-rikorrent kien ikkontesta l-ordni ghall-istess raguni li qeghda titressaq f'dawn il-proceduri, jigifieri li tali ordni kienet ser twassal ghall-ksur tad-dritt tieghu li jghix mal-familja tieghu.

20. Il-Bord kien ha in konsiderazzjoni l-fatt li r-rikorrent ma kienx ikkontradixxa s-sottomissjonijiet tal-*Principal Immigration Officer* u lanqas ma kien ikkontesta d-dokumenti esebiti minnu inkluz l-affidavit tal-mara tieghu. Qies il-passat tar-rikorrent fejn dan kien misjub hati ta' diversi offizi kriminali relatati ma' vjolenza domestika u l-affidavit tal-mara tieghu fejn stqarret li hu kien isawwatha u ma kienx jaghtiha l-pagamenti ta' manteniment ghat-tfal li taghhom kienet inghatat il-kura u l-kustodja. Kien abbazi ta' dawn il-fatti li l-Bord wasal ghall-konkluzjoni li l-agir tar-rikorrent stess ma kienx jaghtih lok li jinvoka ksur tad-drittijiet tieghu sanciti taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghaliex hu kien juri biss nuqqas ta' rispett kbir ghall-hajja familjari tieghu u wkoll ghall-mara tieghu u ghad-dritt tat-tfal tieghu ghal hajja familjari mieghu.

21. Fid-dawl tal-premess ftit li xejn tista' tinghata kredibbilita` l-allegazzjoni tar-rikorrent li in-nuqqas li tintlaqa' t-talba tieghu ghas-sospensjoni tal-ordni ser tippregudikalu <u>irrimedjabbilment</u> il-hajja familjari tieghu. Din il-Qorti ma ssibx li r-raguni allegatament importanti ghalih, jigifieri li hu ma jkunx jista' jara lil uliedu, hi sostanzjata bi provi konvincenti u reali dwar il-hajja familjari prezenti tieghu.

22. Hawn il-Qorti ser tqies ukoll iz-zewg fatturi l-ohra li r-rikorrent irrileva li ghandhom jigu meqjusa fid-dawl tat-talba tieghu. Wiehed minn dawn il-fatturi, jigifieri li l-vjolenza domestika kienet tirrigwarda l-*ex* mara

tieghu filwaqt li hu kien qed jinsisti li r-relazzjoni li tista' tigi pregudikata fl-eventwalita` ta' ordni tat-tnehhija hi dik ma' uliedu u ma' dik li hi martu llum. Fir-rigward, il-Qorti tkompli bil-hsieb taghha appena espress hawn fuq li c-cirkostanzi fil-kaz odjern ma jwasslux ghal pregudizzju fil-hajja familjari tar-rikorrent, liema pregudizzju ghandu jwassal lil din il-Qorti sabiex takkorda l-*interim measure* mitluba minnu. Ghal dak li jirrigwarda r-relazzjoni ma' martu tal-lum, din il-Qorti tosserva li r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar ir-relazzjoni ma' din il-mara.

23. Ir-rikorrent jilmenta wkoll li jekk jitnehha minn Malta hu ser ikollu diffikulta` biex ikompli bil-proceduri diga` intavolati quddiem l-ewwel Qorti ghall-ksur tad-drittijiet tieghu. Din il-Qorti ma tarax li ghandu jkun hemm problemi li ma jistghux jigu rizolta bil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-lum. Inoltre tqies li hemm diversi kazijiet fejn parti f'procedura ma tkunx tghix fil-gurisdizzjoni tal-qrati taghna, sahansitra l-ligi taghna taghraf li hemm cirkostanzi fejn dan ikun il-kaz u tipprovdi ghalihom kemm fir-rigward ta' rappresentanza tal-parti residenti fl-esteru, kif ukoll fir-rigward tal-mod li bih tista' tigi mressqa x-xhieda u l-evidenza kollha taghha u ta' kull persuna ohra mhux residenti hawn Malta. Ghalhekk il-Qorti ssib li anke dan l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat kemm legalment kif ukoll fil-fatt.

24. Ghaldaqstant issib li l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed tichdu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi dwar l-appell tar-rikorrent billi tichdu filwaqt li tikkonferma d-digriet appellat fl-intier tieghu.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a karigu tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb